## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## K 5059/2024: IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. ANDREW PACE

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**25 ta' Marzu 2025**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet li nħarġu kontra l-imputat:

**Talli fit-18/08/2023 għall-ħabta ta' 20.15 hrs fi Triq San Ġakbu, Attard waqt li kien qed jagħmel użu mill-vettura STR 016:**

1. **Saq vettura nru. STR 016 mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni (Kap. 104, Art. 3(1)).**

2. **Saq vettura nru. STR 016 mingħajr ma kienet liċenzjata mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta biex tintuża fit-triq (liċenzja tal-vettura mhux imġedda – Kap. 65, Art. 15(1)(a)).**

wara li rat li fl-ewwel seduta, ċioe dik tat-2 ta' Lulju 2024, il-Prosekuzzjoni ddikjarat magħluqa l-provi tagħha u dan wara li ppreżentat l-affidavits maħlufa ta' Stephen Cachia (Transport Malta), EO 311 u EO 262,

wara li rat li fl-istess seduta l-avukat difensur Dr. Charles Mercieca qajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-ewwel akkuża fis-sens illi *"skont l-istess abbli avukat il-perjodu ta' preskrizzjoni li ġie interrott fit-2 ta' Novembru 2023 reġa beda jiddekorri ai termini tal-Art. 693 tal-Kap. 9 u dan laħaq skada sal-ġurnata tal-lum"*

wara li rat li l-Qorti ħalliet il-kawża għad-digriet fuq din l-eċċezzjoni preliminari u dan wara li tat il-fakolta' lill-Prosekuzzjoni u d-Difiża jippreżentaw nota ta' osservazzjonijiet,

wara li rat in-nota tal-osservazzjonijiet tad-difiża,

qed tagħti dan id-

## Digriet

1. L-ewwel imputazzjoni tirrigwarda r-reat ipotezzat taħt l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta:

    **'3.(1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza,ħadd ma jista' juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tużavettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vetturaminnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħpolza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.'**

2. Il-piena (apparti dik addizzjonali ta' skwalifika tal-liċenzja tas-sewqan) applikabbli għal dan ir-reat tirriżulta mill-Art. 3(2) li jipprovdi hekk:

    **'3 (2) Kull min jikser id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jeħel, meta jinsab ħati –**
    **(a) fil-każ tal-ewwel reat, multa ta' mhux anqas elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda ta' mhux iżjed minn erbat elef, sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jew il-multa u l-priġunerija flimkien;'**

3. L-Art. 3(3) imbagħad jipprovdi għaż-żmien meħtieġ għall-estinzjoni tal-azzjoni:

    **'3 (3) Għad illi f'liġijiet oħra jista' jkun hemm żmien stabbilit lifih għandhom isiru proċeduri quddiem qorti, il-proċediment għal reat taħt dan l-artikolu jista' jsir –**

    **(a) fi żmien sitt xhur mid-data li fiha jkun sar ir-reat allegat; jew**

    **(b) fi żmien li ma jiskorrix la tliet xhur mid-data li fiha l-prosekuzzjoni tkun ġiet taf li sar ir-reat u lanqas sena mid-data li fiha jkun sar ir-reat,**

    **skont liema żmien minnhom ikun l-itwal.**

4. Skont l-Art. 687(2):

    **'687 (2) Iż-żmien ta' preskrizzjoni għar-rigward ta' kull reat kriminali għandu jkun sospiż mill-waqt li imputazzjoni u, jew att ta' akkuża jiġu notifikati lill-persuna akkużata jew imputata sa dak iż-żmien meta tingħata sentenza finali u definittiva fil-proċedimenti li jkunu inbdew bħala riżultat ta' dik l-imputazzjoni jew att ta' akkuża.'**

5. Dan is-subartikolu daħal fis-seħħ permezz tal-Att III tal-2002 fid-9 ta' April 2002. Qabel dakinhar kien japplika biss l-Art. 693 tal-Kap. 9 li jipprovdi biss għall-**interruzzjoni** (ossia ksur) u mhux għas-sospensjoni tal-preskrizzjoni applikabbli:

> **'693. (1) Iż-żmien tal-preskrizzjoni jinkiser b'kull att tal-proċediment li jiġi innotifikat lill-imputat jew akkużat dwar il-fatt li għalih ikun imputat jew akkużat.**
>
> **(2) Iż-żmien tal-preskrizzjoni jinkiser ukoll bil-mandat tal-arrest jew, jekk ma jkunx hemm lok għall-arrest, biċ-ċitazzjoni, għalkemm il-mandat tal-arrest jew iċ-ċitazzjoni jkunu baqgħu bla effett minħabba li l-imputat jew akkużat jinħeba jew jitlaq minn Malta.**
>
> **(3) Iż-żmien miksur tal-preskrizzjoni jerġa' jibda miexi mill-ġdid mill-ġurnata li jkun ġie miksur.**
>
> **(4) Il-ksur tal-preskrizzjoni għandu effett kontra dawk kollha li jkunu ħadu sehem fir-reat, għalkemm l-att li bih tkun ġiet miksura l-preskrizzjoni jkun sar kontra wieħed biss.'**

6. Fid-dibattiti parlamentari li ppreċedew id-dħul fil-liġi tagħna tal-Art. 687(2) kien ingħad is-segwenti:

> **"ONOR. AUSTIN GATT: Sur President, klawsola 148 qiegħda tipprovdi li l-preskrizzjoni tar-reat jew l-att ta' l-akkuża jiġu sospiżi lill- persuna akkużata man-notifika ta' l-imputazzjoni.**
>
> **...**
>
> **ONOR. TONIO BORG: Naħseb li jkun tajjeb jekk nagħmluha ċara li din qegħdin nagħmluha għax bħalma fiċ-ċivil iċ-ċitazzjoni twaqqaf il- preskrizzjoni, dehrilna li anke fil-kriminal għandu jsir l-istess minħabba li bis-sistema tal-lum iktar qegħdin isiru abbużi kontra l-preskrizzjoni milli kontra l-akkużat. Is-sistema li hija mħaddma llum, ċioe` li jekk jgħaddi ż-żmien preskrittiv ma tkunx tista' tmexxi jew inkella jekk stess tmexxi l-akkużat jiġi lliberat se tibqa', pero` una volta jkun beda l-att ta' l- akkuża jew tidħol ċitazzjoni, din tissospendi l- preskrizzjoni sakemm tinqata' l-kawża.**
>
> **Permezz ta' din il-klawsola issa subartiklu (2) t'artiklu 687 tal-liġi prinċipali se jiġi jinqara hekk: "Iż-żmien ta' preskrizzjoni għar-rigward ta' kull reat kriminali għandu jkun sospiż mill-waqt li imputazzjoni u, jew att ta' akkuża jiġu notifikati lill-persuna akkużata jew imputata sa dak iż-żmien meta tingħata sentenza finali u definittiva fil-proċedimenti li jkunu inbdew bħala riżultat ta' dik l-imputazzjoni jew att ta' akkuża.".**

**Jekk xi ħadd jaħseb li b'din l-emenda li qed issir dak li jkun mhux se jmexxi l-kawżi kriminali, allura hemm ir-rimedju kostituzzjonali. Jekk xi ħadd jabbuża minn din is-sistema, jew min-naħa tal-prosekuzzjoni jew min-naħa tal-ġudikant, minħabba li jkun jaf li peress li l-kwestjoni tal- preskrizzjoni tkun ġiet solvuta b'dan l-artikolu, allura ma jinqatgħux il-kawżi, f'dak il-każ hemm ir-rimedju kostituzzjonali li jgħidlek illi kull proċess kriminali għandu jiġi deċiż fi żmien raġunevoli.**

**THE CHAIRMAN: Iktar rimarki, jekk jogħġobkom? (Onor. Membri: No)**

**Il-mistoqsija hi klawsola 148. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.**

**Klawsola 148 għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi."[1]**

7. Mill-atti jirriżulta illi l-allegat reat seħħ fit-18 ta' Awwissu 2023 mentri l-imputat ġie notifikat biċ-ċitazzjoni fit-2 ta' Novembru 2023, ossia' f'inqas mis-sitt xhur previsti mill-Art. 3(3) tal-Kap. 104. Dan ifisser li skont l-Art. 687(2) il-perjodu ta' preskrizzjoni ġie sospiż b'effett mit-2 ta' Novembru 2023 u jibqa' hekk sospiż sa' kemm il-proċeduri fil-konfront tal-imputat isiru finali. Madanakollu skont l-Art. 693 tal-Kap. 9, il-preskrizzjoni ġiet interrotta fit-2 ta' Novembru 2023 u reġgħet bdiet miexja mill-ġdid minn dakinhar stess sakemm din ġie interrotta mill-ġdid bin-notifika lill-imputat b'xi att tal-proċediment. Issa peress illi għaddew iżjed minn sitt (6) xhur mid-data tan-notifika (2 ta' Novembru 2023) sad-data tal-ewwel seduta (2 ta' Lulju 2024), skont l-imputat dan iġib miegħu li l-azzjoni dwar l-ewwel reat ġiet preskritta.

8. Fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tiegħu l-abbli avukat difensur tratta d-distinzjoni netta li teżisti bejn *ċitazzjoni* ai termini tal-Art. 693 u *imputazzjonijiet* ai termini tal-Art. 687(2) u li fil-fehma tiegħu dan l-aħħar artikolu japplika biss għal meta ċitazzjoni – li m'hija xejn għajr *avviso di comparire* – tiġi kkonfermata bil-ġurament u meta allura l-akkużi dedotti fiha jsiru *imputazzjonijiet* skont il-liġi.

9. Il-Qorti tqis illi għalkemm l-argumenti legali tal-avukat difensur huma validi f'dak li għandu x'jaqsam d-differenza bejn ċitazzjoni u imputazzjoni, madanakollu jibqa' l-fatt illi l-leġislatur ma kellux din id-distinzjoni f'moħħu meta kien qiegħed jiddibatti

[1] Kumitat Permanenti Għall-Konsiderazzjoni Ta' Abbozzi Ta' Liġi (Rapport Uffiċjali). Id-Disa' Parlament Laqgħa Nru. 123. L-Erbgħa, 23 ta' Jannar, 2002. paġni 1-2

l-introduzzjoni fil-liġi tagħna tal-Art. 687(2) tant illi meta ġie proposta ingħad illi issa bid-dħul fil-liġi ta' dan is-subartikolu *"una volta jkun beda l-att tal-akkuża jew* ***tidħol ċitazzjoni***, (sottolinear u emfasi tal-Qorti) *din tissospendi l-preskrizzjoni sakemm tinqata' l-kawża"* . Il-Qorti m'għandha l-ebda liberta' illi tinterpreta l-artikoli tal-liġi meta l-intenzjoni tal-leġislatur tkun tidher ċara mid-diskussjonijiet li jkunu ppreċedewha.

10. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti l-azzjoni fir-rigward tal-ewwel akkuża ġiet **sospiża** bin-notifika taċ-ċitazzjoni fit-2 ta' Novembru 2023, baqgħet hekk sospiża meta bdiet l-ewwel seduta fit-2 ta' Lulju 2024 u ser tibqa' sospiża sakemm il-kawża tinqata' b'mod finali minn din il-Qorti jew mill-Qorti tal-Appell, f'każ illi jiġi intavolat appell naħa jew oħra.

11. **Għaldaqstant fiċ-ċirkustanzi u għar-raġunijiet fuq imsemmija il-Qorti qed tiċħad l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni tal-ewwel imputazzjoni.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur